b'qalb li tħoss aċċettajt li tippreżenta din il-Medalja; lill-Membri tal-Ġurija li fissru opinjoni hekk kbira tiegħi, u lil dawk kollha preżenti f'din is-Sala talli wrew interess hekk kbir u qalbieni f'din iċ-ċerimonja.

* Billi d-diskors tal-Prof. Aquilina kien għadu ma waslilniex meta bdejna nistampaw dan in-Numru ta' "Il-Malti", nittamaw li nġibuh fin-numru li ġej.

---

## IL-BNIEDEM BISS.....

*Ta'* DUN FRANS CAMILLERI

*Nisi granum frumenti cadens in terram mortuum fuerit, ipsum solum manet; si autem mortuum fuerit, multum fructum affert.* (Joan. 12, 24-25).

U tmut, f'qiegħ l-art midfuna, kull żerriegħa
qabel ma tnibbet; u mill-ġdid il-ħajja
toħroġ fix-xitla li tinfexx fi qtajja'
ta' ward, ta' frott b'kull lewn u l-ġmiel jagħniha.

U ara wkoll l-għasfura kemm-il siegħa
tiġġerra fuq l-għoljiet, fuq swar u plajja
ħa tgħajjex liċ-ċkejknin. U kemm titlajja
biex tgħix in-nemla mal-ħitan u l-qiegħa!

Mhix ħajja bla tbatija: għalhekk Alla
għażel il-Mewt, u miet fl-akbar ħruxija,
biex jagħti l-ħajja lill-bnedmin mill-ġdid.

Il-bniedem biss, fil-bluha tiegħu, ħalla
fil-ġenb dit-triq u għażel it-tgawdija.
Tgħid il-qaddej sar aqwa wkoll mis-Sid?

10.VII.1946.



## MA NISTAGĦĠIBX!

*Ta'* Ġ. DELIA, S.J.

Ma nistagħġibx illum bir-rebħa kbira
U bil-ħila ta' wliedek qalbenija,
Li wrew mal-Mislem fuq is-swar żonqrija,
Fejn tqabdu u mietu biex ma tkunx irsira.

Għax rajt il-lum biċ-ċar, sibt it-tifsira
Ta' dak l-għaġeb ta' qawwa barranija
Li 'd-dinja bikkmet. Rajtha fil-qlubija
Ta' dawk li l-lum iġġieldu għalik, ja gżira.

Xein ma beżżagħhom! Kienu qishom ljuni
Fis-sħab tad-dħaħen u tat-trab madwarhom
Ileħħ bin-nar tal-bombi u tal-kanuni.

Żammew... għax emmnu li f'dil-glieda tagħhom
Għar-rebħ ta' dinhom w għall-ħelsien ta' djarhom
Id il-Mulej rebbieħa kienet magħhom.

8 ta' Settembru, 1944.

---

## LILL-IMĦARA

*Ta'* GEORGE ZAMMIT

Tabilħaqq ngħir għalik, ja ċkejkna mħara:
Għax int, mal-blat imqabbda, ġo l-egħrien,
Tħalli l-baħar qalil ma' l-art jissara

Bnazzi jew le, għalik il-ħajja xmara
Lixxa bħaż-żejt: mill-bidu tal-ħolqien,
Min jaf kemm drabi l-baħar safa' xagħra
W int bqajt fejn kont, rebbieħa fuq iż-żmien.

Iżda mhux inti biss, mal-blat sewdieni
Toħlom fis-skiet, fil-waqt li, bajdanija,
Il-mewġa tfawwar. Jiena bħalek, hieni.

Naħrab tal-ħajja l-hemm u ġeġwiġija
Meta bħall-mewġ jiżżiemel il-ġejjieni:
Qalbi l-għerien, qoxorti l-poeżija.

Kemmuna, 7. VIII. 46.